MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 66/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Tonna)**
**Vs**
**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli
1. nhar it-13 ta' Gunju 2007 ghall-habta ta' 9.00 am fil-Gzejjer Maltin iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sehhx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b' mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
2. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, xjentement uza xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet fornut minn impriza, ghal ghan li ma kienx dak li kien gie fornut ghalih jew inkella uzah b' mod mhux kif imiss;

3. ikkommetta reat waqt l-operat ta' sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija lilu nhar is-16 ta' Gunju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
4. kiser il-kundizzjonijiet ta' ordni ta' probation imposti fuqu b'sentenza datata s-16 ta' Gunju 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;
5. Il-Qorti kienet mitluba titratta ma' l-imputat bhala li rrenda ruhu ricediv b' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Frar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 110(2), 49, 50 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel u l-hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu tmintax (18)-il xahar prigunerija.
Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuza. Astjeniet ukoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba' akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant.
B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat lill-appellant sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett mija w disa' w sebghin Euro w tnejn u ghoxrin centezmu (€379.22) rapprezentanti l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza, fejn din iddikjarat li qed issibu hati ta' l-ewwel u l-hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu, w iddikjarat lil-appellant mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, w konsegwentement illiberatu minnha, w fejn ukoll astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni w ir-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu, w tvarja s-sentenza appellata fejn din ikkundannatu tmintax-il xahar prigunerija, w minflok tikkundannah piena aktar miti w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant li hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti hu li din kienet eccessiva w mhux idonea. Hu gie kkundannat ghall-piena massima li tipprovdi l-ligi ghar-reat kontemplat fl-artikolu 110 (2) biz-zieda ghar-recidiva ammessa minnu. Imma fic-cirkostanzi tal-kaz hemm fatturi li jimmilitaw favur il-klemenza. Dan minhabba c-cirkostanzi personali li kien jinsab fihom. Hu kien qed isofri minn problemi psikologici serji skond kif xehed it-tabib Charles Cassar. Hu kien taht is-sorveljanza ta' *probation officer* Miriam Sevasta w kien jattendi regolarment anki wara li spicca l-ordni. Issa l-appellant hu riabilitat u ghandu impieg fiss ma Kordin Grain Terminal u hu mizzewweg u ghandu zewgt itfal x' imantni.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi trattandosi t' appell dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena meta din tkun tirrijentra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.

Illi l-appellant mhux qed jghid li l-piena tohrog mill-parametri tal-ligi imma biss li nghatat fil-massimu taghha biz-zieda ta' grad ghar-recidiva, skond l-art. 110 (2), 50 u 31.

Illi hu ovvju li l-Ewwel Qorti gustament hadet veduta serja tal-agir tal-appellant li holoq *"disruption"* liema bhala fil-Qrati tal-Gustizzja w fl-Isptar San Luqa, b' theddida f' telefonata anonima lill-*control room* tal-Pulizija, ta' bombi li kienu ser jisplodu f' dawn il-lokalitajiet. L-effetti ta' din id-*disruption* gew elenkati fid-dettall mill-Ewwel Qorti fis-sentenza motivata taghha w ma hemmx ghalfejn jergu jigu

ri-epilogati f' din is-sentenza. Bizzejjed li wiehed isemmi li fl-Isptar San Luqa kellhom jigu imwaqqfa w kancellati l-appuntamnti kollha tal-"Out patients departments", bi tbatija w inkonvenjent enormi ghall-mijiet ta' morda w ghall-awtoritajiet tal-Isptar. Anki twaqqfu operazzjonijiet serjissmi, wahda minnhom fuq **baby** li gie operat ghal xejn! Dan hu agir mill-aktar gravi li fil-fehma ta' din il-Qorti jimmerita l-oghla piena possibbli w mhux il-kaz li tintwera ebda klemenza mal-appellant.

L-iskuza li qed igib l-appellant li kien ibaghti minn problemi psikologici (sija pure wara l-kaz) mhi skuza xejn. Kieku kull min ghandu problemi simili jirrikorri ghal dan l-agir terrorista, kieku jkun hawn kaos shih f' dan il-pajjiz u ghalhekk din il-Qorti mhux disposta li tikkonsidra ebda attenwanti minhabba din ir-raguni. Hawn non si tratta ta' eccezzjoni ta' demenza fiz-zmien tal-komissjoni tar-reat li kieku esperimentata b' success kienet sahansitra twassal ghall-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 33 tal-Kodici Kriminali w cioe' l-ezenzjoni mir-responsabbilta' kriminali.

Jekk issa l-appellant qed jahdem u jmantni lill-uliedu, mhu qed jaghmel xejn specjali oltre dak li jaghmlu cittadini ohra bhalu li ghandhom it-tfal u l-familja w dan ma jintitolahx li jahrab mis-sanzjoni li timponi l-ligi ghar-reat minnu kommess bl-effetti gravissmi li gab mieghu. Jekk ghandu t-tfal imissu haseb fihom qabel ma ghamel il-gennata li ghamel. Din il-moda tat-theddda ta' bombi trid tinqata' w kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-Qrati tal-Gustizzja iridu jaghtu messagg lis-socjeta' li min jinqabad, ikollu jiffaccja r-riguri shah tal-ligi.

Illi mbaghad, il-fedina penali tal-appellant hi wahda arci-refrattarja w hu gie misjub hati b’diversi sentenzi tar-reat kontinwat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, ta’ stupru ta’ minorenni, sekwestru ta’ persuna, serq aggravat, falsifikazzjoni, appropriazzjoni ndebita, truffa w reati ohra serji.  Ghalhekk dan mhux kaz ta’ xi ksur tal-ligi izolat tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena saggjament erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------